IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2020
COM(2020) 661 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-tielet rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2020) kif meħtieġ skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu

{SWD(2020) 226 final}

MT MT

I. Introduzzjoni

Il-protezzjoni tas-soċjetà mill-kriminalità organizzata, u b'mod partikolari li jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin, hija prijorità skont l-Istrateġija tal-UE l-ġdida dwar l-Unjoni tas-Sigurtà[1]. L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE[2] ("Id-Direttiva kontra t-Traffikar") jipprevedi rapport kull sentejn dwar il-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

It-traffikar tal-bnedmin huwa reat li jagħti profitt kbir lill-kriminali filwaqt li huwa spiża tremenda għas-soċjetà. Il-profitt annwali stmat mit-traffikar tal-bnedmin jammonta għal EUR 29.4 biljun[3] (stima konservattiva). L-ispiża totali tat-traffikar fl-UE f'sena waħda hija stmata għal EUR 2,7 biljun. Dan huwa dovut għal servizzi addizzjonali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi , is-saħħa u l-protezzjoni soċjali, il-produzzjoni ekonomika mitlufa, il-kwalità tal-ħajja mitlufa u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet kontra t-traffikar[4]. Tali spejjeż huma kkawżati mill-ksur serju tad-drittijiet fundamentali tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien mit-traffikanti u sakemm ikompli t-traffikar tal-bnedmin, ikomplu jiġġarrbu mis-soċjetajiet tagħna.

Tul il-pandemija tal-COVID-19, il-kriminali ħatfu l-opportunitajiet biex jiġġeneraw profitti sinifikanti u jintensifikaw l-attivitajiet kriminali. Biddlu l-metodi operattivi tagħhom u kulma jmur qed jirriklamaw il-vittmi fuq l-internet jew jisfruttawhom f'faċilitajiet privati. Filwaqt li l-impatt sħiħ tal-pandemija għadu ma jistax jitkejjel, huwa ċar li l-kriżi wasslet għal sfidi straordinarji, li jaffettwaw sproporzjonatament lill-aktar vulnerabbli, li jiggravaw il-vulnerabbiltà tan-nies għat-traffikar tal-bnedmin, inkluż dik tan-nisa u t-tfal. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tal-UE esprimew tħassib dwar id-dewmien fl-identifikazzjoni tal-vittmi, li jxekkel l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja, l-assistenza u l-appoġġ[5].

---

[1] COM(2020) 605 final, https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-eu-security-union-strategy.pdf

[2] ĠU 101, 15.04.2011, p. 1.

[3] Europol (2015) The THB financial business model, The Hague. https://www.europol.europa.eu/publications-documents/trafficking-in-human-beings-financial-business-model

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, Study on the economic, social and human costs of trafficking in human beings within the EU (2020)

[5] How Covid-19 restrictions and the economic consequences are likely to impact migrant smuggling and cross-border trafficking in persons to Europe and North America, Research brief, United Nations Office on Drugs and Crime (UNODC), https://www.unodc.org/islamicrepublicofiran/en/how-covid-19-restrictions-and-the-economic-consequences-are-likely-to-impact-migrant-smuggling-and-cross-border-trafficking-in-persons-to-europe-and-north-america.html; Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Speċjali tal-OSKE għall-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi kontra t-traffikar fi żmien ta' kriżi; COVID-19 pandemic and its impact for victims and survivors of trafficking in persons, UNODC, https://icat.network/sites/default/files/28%20April_COVID%20ICAT%20webstory%20and%20list%20of%20resources%20%283%29.pdf; L-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili esprimew tħassib fil-kontributi tagħhom għat-tielet rapport ta' progress.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) twissi li t-traffikar tal-bnedmin aktarx li jiżdied wara t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku minħabba l-qgħad li rriżulta, u wieħed jista' jistenna żieda fid-domanda għat-traffikar għax-xogħol u l-isfruttament sesswali. Minbarra l-oqsma tradizzjonali tal-isfruttament (il-prostituzzjoni, it-tallaba u s-serq, is-setturi tat-tessuti u tal-agrikoltura), is-setturi bħall-kostruzzjoni, it-turiżmu, il-catering, l-infermerija u s-servizzi domestiċi qed jiġu affettwati dejjem aktar mit-traffikar tal-bnedmin. Minbarra l-ħsara mtawla mġarrba mill-vittmi tat-traffikar, l-għeluq ta' negozji b'marġnijiet ta' profitt aktar baxxi minħabba kriżi ekonomika se jħalli s-suq miftuħ għal dawk li għandhom ix-xogħol illegali jew irħis għad-dispożizzjoni tagħhom[6].

It-traffikar tal-bnedmin huwa delitt partikolarment serju, ipprojbit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea bħala ksur serju tad-drittijiet fundamentali[7]. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata huma involuti fit-traffikar għall-isfruttament sesswali jew għax-xogħol, l-isfruttament għall-użu ta' tallaba u l-isfruttament għal skopijiet kriminali. In-netwerks tat-traffikar spiss ikunu involuti f'forom oħra ta' kriminalità (jew marbuta magħhom), bħall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar tad-drogi, il-kuntrabandu ta' merkanzija, l-estorsjoni, il-ħasil tal-flus, il-frodi tad-dokumenti, il-frodi b'kards tal-ħlas u d-delitti kontra l-proprjetà (pereżempju s-serq).

Dan ir-rapport: i) jidentifika x-xejriet u sfidi ewlenin fl-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, ii) jipprovdi analiżi tal-istatistika u iii) jindika r-riżultati tal-azzjonijiet kontra t-traffikar. Huwa kkomplementat minn dokument ta' ħidma tal-persunal li jipprovdi informazzjoni dettaljata, komprensiva u sostanzjata. Kemm ir-rapport kif ukoll id-dokument ta' ħidma tal-persunal huma bbażati fuq:

- informazzjoni pprovduta mir-rapporteurs nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti previsti skont l-Artikoli 19 u 20 tad-Direttiva kontra t-Traffikar;
- kontribuzzjonijiet ippreżentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li pparteċipaw fil-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-Pjattaforma elettronika tal-UE għas-Soċjetà Ċivili; kif ukoll
- kontribuzzjonijiet mill-aġenziji rilevanti tal-UE[8].

Dan ir-rapport qies ukoll l-informazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali. Il-partijiet ikkonċernati

[6] Europol, Beyond the pandemic – How Covid-19 will shape the serious and organized crime landscape in the EU, 30 ta' April 2020.

[7] Ara l-Artikolu 83(2) tat-TFUE u l-Artikolu 5(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

[8] L-għaxar aġenziji tal-UE li ffirmaw id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Impenn tal-2018 biex jaħdmu flimkien biex jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin: L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), l- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE).

rrappurtaw dwar ir-riżultati tal-azzjonijiet kontra t-traffikar u dwar l-impatt ta' dawn l-azzjonijiet b'aktar dettall meta mqabbel mal-eżerċizzju ta' rappurtar preċedenti[9].

II. XEJRIET FIT-TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN FL-UE, U L-ISFIDI IDENTIFIKATI

Il-fenomenu tat-traffikar huwa kkaratterizzat minn ċerti xejriet rikorrenti, tħassib ġdid u xejriet li qed ifiġġu. L-għadd totali ta' **14 145** vittma rreġistrata[10] rrapportati mill-Istati Membri tal-UE għal sentejn (2017 u 2018) huwa ogħla meta mqabbel mal-perjodu ta' rapportar preċedenti[11]. Huwa probabbli li l-**għadd reali ta' vittmi huwa ferm ogħla** mid-*data* li ġiet irrappurtata, minħabba li bosta vittmi jibqgħu ma jiġux identifikati. B'relazzjoni mal-għadd għoli ta' vittmi, l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u kundanni tal-awturi tar-reati għadu baxx. Kważi nofs il-vittmi kollha tat-traffikar fl-UE huma ċittadini tal-UE. **It-traffikar tal-vittmi internament, fl-Istati Membri tagħhom stess, għadu sinifikanti, u jirrappreżenta aktar minn terz tal-vittmi kollha fl-UE.**

L-ewwel ħames pajjiżi tal-UE fir-rigward taċ-ċittadinanza tal-vittmi tat-traffikar b'numri assoluti kienu r-Rumanija, l-Ungerija, Franza, in-Netherlands u l-Bulgarija. **L-ewwel ħames pajjiżi terzi fir-rigward taċ-ċittadinanza tal-vittmi tat-traffikar** fl-UE kienu n-Niġerja, iċ-Ċina, l-Ukrajna, il-Marokk u l-Indja.

L-isfruttament sesswali għadu l-aktar skop prevalenti wara t-traffikar fl-UE. Ġiet irrappurtata żieda fit-traffikar għall-isfruttament ta' ħaddiema f'bosta Stati Membri. Kważi **tliet kwarti tal-vittmi kollha fl-UE kienu femminili** (nisa u bniet), fil-biċċa l-kbira traffikati għall-isfruttament sesswali. Mill-2008, meta l-UE bdiet tiġbor id-*data* dwar it-traffikar tal-bnedmin, in-nisa u l-bniet kienu konsistentement jiffurmaw il-maġġoranza tal-vittmi tat-traffikar. **It-tfal** għadhom jirrappreżentaw għadd konsiderevoli ta' vittmi fl-UE. Il-maġġoranza tal-vittmi tfal kienu bniet ittraffikati għall-isfruttament sesswali, u kienu ċittadini tal-UE.

In-networks tat-traffikar kulma jmur qed juru livelli ogħla ta' professjonaliżmu u għarfien espert. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti fit-traffikar tal-bnedmin għandhom networks kriminali strutturati sew, joperaw internazzjonalment, f'xi każijiet b'ġabra ta' faċilitaturi u gruppi speċjalizzati transkonfinali. Iż-żieda **fl-użu ħażin tat-teknoloġija tal-informazzjoni mill-kriminali** hija sfida u ta' tħassib għall-awtoritajiet li jaħdmu kontra t-traffikar tal-bnedmin.

2.1. It-traffikar għall-iskop ta' sfruttament sesswali

[9] Dan ir-rapport jinkludi l-istatistiċi għal sentejn: 2017-2018 għall-EU-27. L-istatistiki kollha rrapportati mill-EU-28 huma inklużi fid-dokument ta' ħidma tal-persunal u "Data collection on trafficking in human beings in the EU" (2020).

[10] Il-"vittmi" msemmija f'dan ir-rapport ifissru vittmi "rreġistrati" u għaldaqstant jikkonċernaw vittmi identifikati u/jew preżunti fil-kuntest nazzjonali.

[11] 13 461 fl-2015 u l-2016 fl-EU-27

It-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali huwa forma ta' vjolenza kontra n-nisa[12] **u għandu l-għeruq tiegħu fl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri**. L-isfruttament sesswali għadu l-aktar forma prevalenti ta' traffikar fl-UE mill-2008 'l hawn. 60 % tal-vittmi jiġu ttraffikati għall-isfruttament sesswali, u aktar minn nofshom huma ċittadini tal-UE. Aktar minn 90 % tal-vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali huma nisa, li jenfasizza kemm dan ir-reat huwa marbut mal-ġeneru. In-nisa u l-bniet għadhom jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-vittmi tat-traffikar għal kull forma ta' sfruttament. Dawn ix-xejriet huma konsistentement sottolinjati mill-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-aġenziji tal-UE. Fost l-ambjenti ta' riskju għoli hemm il-prostituzzjoni, l-aġenziji u s-servizzi tal-escorts, is-servizzi tal-massaġġi, il-barijiet u n-nightclubs. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rrapportaw żieda fit-traffikar għall-isfruttament sesswali permezz tal-internet u mezzi teknoloġiċi ġodda, li jintużaw għar-reklutaġġ u l-bejgħ tal-vittmi, prinċipalment nisa u bniet, kif ukoll biex isir grooming tat-tfal.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrapportaw dwar miżuri speċifiċi meħuda biex jindirizzaw xejriet ewlenin u xejriet li qed ifiġġu fir-rigward tat-traffikar għall-isfruttament sesswali. Dawn jinkludu l-identifikazzjoni u l-appoġġ tal-vittmi billi jingħata appoġġ soċjali bħal programmi ta' ħruġ[13], riintegrazzjoni soċjali u professjonali[14] jew servizzi tas-saħħa sesswali lill-vittmi tat-traffikar sfruttati fil-prostituzzjoni. Miżuri oħra huma mmirati lejn setturi u gruppi b'riskju għoli (tfal, persuni minn komunitajiet Rom emarġinati, migranti u refuġjati) u jipprevedu attivitajiet operazzjonali, bħal investigazzjonijiet kriminali, sorveljanza sigrieta, sorveljanza fuq l-internet, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, edukazzjoni u taħriġ, u żviluppi istituzzjonali u ta' politika. Xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li tikkriminalizza l-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali, wettqu miżuri ta' prevenzjoni li jiffukaw fuq it-tnaqqis tad-domanda[15], kif ukoll miżuri fil-qafas tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru[16]. Il-kooperazzjoni transfruntiera fil-livell tal-UE wkoll hija rrappurtata, speċjalment bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust). L-aġenziji tal-

---

[12] Għall-Kummissjoni, hija prijorità ewlenija li tikkumbatti l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u li tappoġġa lill-vittmi. L-Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 tippreżenta objettivi u azzjonijiet ta' politika biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. L-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika għadha prijorità ewlenija għall-Kummissjoni. Jekk l-adeżjoni tal-UE tibqa' mblukkata, il-Kummissjoni se tipproponi miżuri biex jinkisbu l-istess objettivi bħall-Konvenzjoni ta' Istanbul. Fis-16 ta' Settembru 2020, il-President Von der Leyen ħabbret li l-Kummissjoni beħsiebha toħroġ proposta leġiżlattiva biex tipprevjeni u tiġġieled forom speċifiċi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-inizjattiva leġiżlattiva se jkollha l-istess objettiv tal-Konvenzjoni: li jiġi żgurat li l-Istati Membri tal-UE jkollhom miżuri effettivi stabbiliti (fl-oqsma ta' kompetenza tal-UE) biex jipprevjenu u jikkumbattu l-vjolenza kontra n-nisa.

[13] Pereżempju, fi Franza, fl-Irlanda, f'Malta.

[14] Pereżempju, fi Spanja u fi Franza.

[15] Pereżempju, il-Irish Garda National Protective Service Bureau jieħu miżuri ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni f'kooperazzjoni mal-NGOs, biex jidentifika l-vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali u jirreferihom għas-servizzi xierqa.

[16] Bħal taħriġ u miżuri ta' sensibilizzazzjoni għall-professjonisti fl-infurzar tal-liġi jew edukazzjoni dwar forom differenti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll żviluppi politiċi u leġiżlattivi relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

UE qed ikomplu jassistu lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, inkluż billi jippubblikaw gwidi[17] jew bit-taħriġ.

Minkejja dawn l-isforzi konkreti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkomplu jenfasizzaw il-fokus insuffiċjenti fuq it-traffikar għall-isfruttament sesswali fl-UE, inkluż f'dak li jirrigwarda l-investigazzjonijiet u meta jitqies li dan ir-reat huwa marbut mal-ġeneru.

2.2. It-traffikar għall-iskop ta' sfruttament ta' ħaddiema

Diversi Stati Membri u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rrappurtaw żieda fit-traffikar għall-isfruttament ta' ħaddiema. **15 % tal-vittmi kollha** ġew ittraffikati għal din il-forma ta' sfruttament. Ir-rapporti juru li l-vittmi ġew sfruttati fis-settur agrikolu (inkluż ix-xogħol staġjonali), fl-aġenziji ta' impjieg privat, fl-industrija tal-kostruzzjoni, fl-ospitalità, fis-settur tat-tindif, fix-xogħol domestiku, fis-servizzi tal-kura, fid-djar tal-kura, fil-ħwienet ta' billejl, fil-barijiet, fil-ħasil tal-karozzi, fin-negozji tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart, fil-forestrija, fit-tessuti u l-ħwejjeġ, fil-manifattura tal-ikel, u fl-ipproċessar u l-imballaġġ.

L-isfruttament tal-ħaddiema **jaffettwa b'mod predominanti lill-irġiel (68 %)**, għalkemm f'**ċerti setturi, jaffettwa b'mod predominanti lin-nisa**, b'mod partikolari f'xogħol domestiku, f'attivitajiet ta' kura jew f'servizzi ta' tindif). L-Istati Membri rrappurtaw ukoll li kulma jmur **it-tfal qed isiru vittmi tat-traffikar** għall-isfruttament tal-ħaddiema.

Azzjonijiet iddedikati biex jindirizzaw it-traffikar għall-isfruttament tal-ħaddiema u biex itejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi ppermettew lill-awtoritajiet tax-xogħol iwettqu spezzjonijiet aktar intensifikati, li involvew kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-infurzar tal-liġi. L-Istati Membri jirrapportaw li qed jipprovdu korsijiet ta' taħriġ immirati għall-ispetturi tax-xogħol u soċjali, il-professjonisti fl-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-professjoni legali, il-ħaddiema soċjali, l-awtoritajiet doganali, l-uffiċjali diplomatiċi u konsulari, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, dawk li jaħdmu fis-settur tal-edukazzjoni, l-aġenziji tal-impjiegi, u l-postijiet ta' kenn. Barra minn hekk, l-Istati Membri wettqu spezzjonijiet bħala parti mill-Jiem ta' Azzjoni Konġunta dwar l-isfruttament tal-ħaddiema, investigazzjonijiet konġunti, u azzjonijiet fil-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT-THB[18]), b'enfasi speċifika fuq setturi b'riskju għoli[19]. Il-miżuri immiraw l-informazzjoni lin-nies f'riskju

[17] Ara l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kummissjoni Ewropea (2019), Children deprived of parental care found in an EU Member State other than their own – A guide to enhance child protection focusing on victims of trafficking; Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (2018), Gender-specific measures in anti-trafficking actions: report.

[18] "Il-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-UE għall-forom kollha ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament sesswali u tal-ħaddiema kif ukoll il-forom kollha ta' traffikar tat-tfal" hija waħda mill-prijoritajiet tal-UE meta tittratta l-kriminalità, u tgħin liċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT biex jindirizza l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja bejn l-2018 u l-2021. Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-UE fil-għieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja bejn l-2018 u l-2021, ST 9450/17.

[19] Pereżempju, bħala parti minn operazzjoni investigattiva konġunta, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi Bulgari u Franċiżi, appoġġati mill-Europol u l-Eurojust żarmaw grupp tal-kriminalità organizzata, li

li jiġu ttraffikati biex jiġi sfruttat ix-xogħol tagħhom (partikolarment lil min kien qed ifittex ix-xogħol), lill-migranti (pereżempju tul ir-rotot tat-traffikanti tal-migranti u f'riskju minħabba n-networks kriminali fil-Mediterran) u fil-proċeduri tal-ażil, kif ukoll lill-komunitajiet Rom u lin-nies li jemigraw għax-xogħol.

L-awtorità Ewropea tax-Xogħol[20] li twaqqfet dan l-aħħar se tikkoopera mal-aġenziji tal-UE li jaħdmu fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali kif ukoll ma' dawk li jiġġieldu kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-Europol u l-Eurojust.

Minkejja l-progress li sar biex jiġu identifikati każi ta' traffikar għall-isfruttament tal-ħaddiema, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indikaw li l-ispezzjonijiet tax-xogħol u l-monitoraġġ tal-istandards tal-impjiegi fadlilhom fejn jitjiebu, partikolarment f'setturi bħall-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-catering, it-tindif, l-ospitalità (pereż. il-lukandi) u l-kura kożmetika (pereż. in-nail salons).

Għall-ġlieda kontra t-traffikar għall-isfruttament tal-ħaddiema u l-prevenzjoni tiegħu fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali tal-prodotti, diversi Stati Membri rrappurtaw dwar **l-adozzjoni ta' miżuri biex tiġi indirizzata r-responsabbiltà tan-negozji u l-persuni ġuridiċi, id-diliġenza dovuta fil-katina tal-provvista, u r-relazzjoni bejn in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem** (pereż. il-Greċja, in-Netherlands, l-Awstrija). L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenfasizzaw l-importanza li tiżdied it-trasparenza fil-ktajjen tal-provvista tal-prodotti, fejn spiss iseħħ it-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll li jiġu introdotti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta.

2.3. Forom oħra ta' sfruttament

Il-vittmi tat-traffikar għal forom oħra ta' sfruttament ammontaw għal 18 % tal-vittmi[21]. Dawn inkludew prinċipalment każijiet ta' traffikar biex jiġu sfurzati jittallbu, għar-reati sfurzati, kif ukoll għat-traffikar għall-bejgħ tat-trabi, għat-teħid tal-organi[22], għall-adozzjoni illegali, għat-traffikar ta' ċittadini tal-UE li qed jiġu sfruttati finanzjarjament permezz tal-frodi, u t-traffikar tal-bnedmin permezz tal-maternità surrogata.

Traffikar għall-kriminalità sfurzata u għall-elemożina sfurzata

Ġie rrappurtat li dawn il-forom ta' sfruttament kienu qed jiżdiedu f'xi Stati Membri, speċifikament fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Greċja, fin-Netherlands, fil-Polonja, u ta' spiss jinvolvu t-tfal. It-traffikar għall-kriminalità sfurzata huwa assoċjat mal-kriminalità żgħira, kriminalità organizzata kontra l-proprjetà, bħas-serq mill-bwiet jew mill-ħwienet, u serq ieħor. Huwa wkoll assoċjat ma' forom aktar kumplessi ta' kriminalità, inkluż is-

---

ttraffika ċittadini Bulgari biex jiġi sfruttat ix-xogħol tagħhom fis-settur agrikolu fi Franza. Madwar 167 persuna impjegati staġjonalment għall-ħsad tal-għeneb qrib Lyon ġew identifikati bħala vittmi; https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/bad-harvest-for-bulgarian-french-network-exploiting-vineyard-workers.

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.07.2019, p. 21).

[21] Aktar informazzjoni diżaggregata dwar il-forom tal-isfruttament hija disponibbli f'"Data collection on trafficking in human beings in the EU" (2020).

[22] 17-il każ ta' traffikar għat-teħid ta' ġew irrappurtati fl-UE mill-Istati Membri matul l-2017 u l-2018.

serq jew frodi aggravat, jew il-bejgħ u t-traffikar tad-drogi. Iż-żewġ forom ta' sfruttament huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' moviment bejn il-pajjiżi. Ir-rapporti juru li l-vittmi ttraffikati biex jiġu sfurzati jittallbu jinkludu persuni bi problemi ta' abbuż mis-sustanzi jew tax-xorb, persuni b'diżabbiltà fiżika, li jappartjenu għal minoranzi etniċi, inklużi persuni minn komunitajiet Rom emarġinati, jew li jinsabu f'sitwazzjonijiet finanzjarji diffiċli. Il-vittmi tat-traffikar għall-kriminalità sfurzata u għall-elemożina sfurzata għandhom it-tendenza li jkunu iżgħar minn dawk soġġetti għal forom oħra ta' sfruttament. Għad fadal sfidi sinifikanti fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-rikonoxximent tal-vittmi ttraffikati u sfruttati għal dawn l-għanijiet.

Traffikar tal-bnedmin għal żwiġijiet ta' konvenjenza sfurzati u ta' sfruttament

Il-vittmi ttraffikati għal żwiġijiet ta' konvenjenza sfurzati u ta' sfruttament xi kultant jiġu rrappurtati bħala vittmi ta' forom oħra ta' traffikar, inkluż l-isfruttament sesswali u/jew l-isfruttament tal-ħaddiema. In-nisa u t-tfal huma partikolarment vulnerabbli għat-traffikar għal dawn l-għanijiet. Ġiet identifikata l-prevalenza ta' vittmi minn komunitajiet Rom emarġinati, kif ukoll ir-rabta mal-migrazzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tan-nisa u l-bniet migranti.

2.4. It-traffikar tat-tfal

Huwa allarmanti li fost il-vittmi tat-traffikar dejjem ikun hemm it-tfal. **It-tfal jikkostitwixxu kważi kwart** tal-vittmi kollha fl-UE. Il-maġġoranza l-kbira tal-vittmi tfal fl-UE kienu bniet (78 %). Kważi 75 % il-vittmi tfal kollha tat-traffikar fl-UE huma **ċittadini tal-UE**. Il-bniet irrappreżentaw kważi tliet kwarti (69 %) tal-vittmi tfal minn pajjiżi terzi. **Aktar minn 60 %** tal-vittmi tfal fl-UE **ġew ittraffikati għal skopijiet ta' sfruttament sesswali**. **It-traffikar tat-tfal għadu ta' tħassib kbir**, b'mod partikolari t-traffikar ta' bniet u subien għall-isfruttament sesswali u għall-kriminalità sfurzata kontra l-proprjetà bħas-serq mill-bwiet jew il-ħwienet, għar-reati relatati mad-drogi, bħall-kultivazzjoni tal-kannabis[23], u għal żwiġijiet sfurzati, f'età żgħira, u ta' konvenjenza. It-tfal migranti, u b'mod partikolari t-tfal migranti mhux akkumpanjati, għadhom f'riskju ogħla ta' traffikar u sfruttament tul ir-rotot migratorji lejn l-UE u fiha stess. It-traffikanti spiss użaw ċentri ta' akkoljenza biex jidentifikaw vittmi potenzjali u biex jagħmlu arranġamenti biex jittrasportawhom f'postijiet ta' sfruttament[24].

L-Istati Membri u l-atturi tal-UE għamlu sforzi siewja biex jindirizzaw it-traffikar tat-tfal, inkluż permezz ta' i) dokumenti ta' gwida, ii) strutturi ta' kooperazzjoni u appoġġ, iii) inizjattivi ta' prevenzjoni, iv) taħriġ, v) azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, vi) edukazzjoni, u vii) azzjonijiet operazzjonali mill-infurzar tal-liġi, inklużi azzjonijiet transfruntiera. **Madankollu, il-persistenza tat-traffikar tat-tfal teħtieġ miżuri aktar b'saħħithom biex dan ir-reat jiġi prevenut u miġġieled effettivament.** Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal itennu li l-ġlieda kontra **l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal** spiss

[23] Europol, Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (EMSC) 4th Annual Activity Report – 2019.
[24] Ibid.

tkun tinvolvi li jiġu indirizzati l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin[25]. L-istrateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, adottata fl-2020, enfasizzat ukoll li l-isforzi ta' prevenzjoni hemm bżonn li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi għal diversi gruppi ta' tfal, inklużi t-tfal li huma vittmi tat-traffikar[26].

2.5. **Xejriet emerġenti**

Il-metodi użati mit-traffikanti nbidlu minħabba l-użu estensiv tal-internet u tal-midja soċjali, u l-użu ta' **teknoloġija ġdida** f'ħafna stadji tal-katina tat-traffikar. It-traffikanti qed isiru aktar kapaċi fl-użu tat-teknoloġiji u l-internet biex jespandu l-attivitajiet kriminali tagħhom online u biex jinvestu u jaħbu r-rikavati tagħhom mill-kriminalità. F'għadd ta' Stati Membri, l-internet u l-midja soċjali relatati kienu fost l-għodod predominanti użati biex jiġbdu lill-vittmi tat-traffikar, b'riskju partikolari għat-tfal. It-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni qed tintuża għar-reklutaġġ, l-organizzazzjoni tat-trasport u l-akkomodazzjoni tal-vittmi, ir-reklamar ta' servizzi tal-vittmi, il-komunikazzjoni bejn l-awturi tar-reati u l-kontroll tal-vittmi u t-trasferiment ta' rikavati kriminali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed jiġbdu l-attenzjoni lejn riskju li qed jikber li l-internet jintuża għat-traffikar tal-bnedmin, partikolarment għall-isfruttament sesswali b'skop ta' qligħ.

Madankollu, it-teknoloġija jista' jkollha rwol importanti fil-prevenzjoni u t-tfixkil tat-traffikar tal-bnedmin. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenfasizzaw il-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati u implimentati miżuri teknoloġiċi biex jindirizzaw dan ir-reat. **Hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni biex jiġu esplorat u sfruttat l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-prevenzjoni u t-tfixkil tat-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi.**

Xejriet emerġenti ulterjuri rrapportati mill-Europol jikkonċernaw **gruppi ta' kriminalità organizzata** involuti **fit-traffikar tal-bnedmin għall-iskop ta' adozzjonijiet illegali**[27]. Barra minn hekk, **it-traffikar għal diversi forom ta' sfruttament** ġie identifikat bħala xejra emerġenti, li n-nisa u t-tfal jidher li huma partikolarment vulnerabbli għalih. Ġew irrappurtati każijiet ta' traffikar għall-**bejgħ ta' trabi**, għall-**bejgħ ta' organi**, traffikar ta' ċittadini tal-UE bil-għan li jwelldu u jbigħu t-trabi tagħhom, u t-traffikar ta' ċittadini tal-UE li qed jiġu **sfruttati permezz ta' frodi**. Xi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qajmu tħassib dwar forom emerġenti ta' traffikar tal-bnedmin għall-**maternità surrogata**.

2.6. Migrazzjoni

Matul l-aħħar tliet snin, komplew jaslu migranti li qed ifittxu l-protezzjoni internazzjonali fl-UE. L-identifikazzjoni u d-detezzjoni ta' vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar fi flussi migratorji mħallta jibqgħu ta' sfida. Ir-rapporti kkollegaw il-kuntest tal-migrazzjoni ma' riskju akbar ta' traffikar tal-bnedmin, b'networks tat-traffikar li jabbużaw mill-vulnerabbiltajiet ta' gruppi b'riskju għoli kif ukoll il-proċeduri tal-ażil,

---

[25] 12862/19.
[26] Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (COM(2020) 607 final).
[27] EMSC 4th Annual Activity Report, 2019.

prinċipalment għall-iskop ta' sfruttament sesswali sussegwenti. It-traffikar tal-bnedmin huwa fenomenu kriminali kumpless marbut ma' diversi reati oħra, inkluż l-appoġġ ta' reati li jiffaċilitaw l-istadji differenti tal-katina tat-traffikar f'kuntesti speċifiċi, bħall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni irregolari.

Biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati, hemm bżonn ta'firxa wiesgħa ta' atturi biex jikkooperaw b'mod estensiv sabiex ikomplu jiżviluppaw u jtejbu s-sistemi ta' riferiment eżistenti, biex itejbu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ (pereż. meta l-vittmi jiġu rritornati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom), biex ifittxu l-appoġġ u l-gwida tal-aġenziji tal-UE (pereż. il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, l-Europol) u biex jaħdmu ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (pereż. fil-każ ta' ritorni volontarji). Il-kollaborazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inkluż l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, il-Fond Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija kruċjali.

L-Europol[28] tenfasizza l-konnessjoni bejn it-traffikar tal-bnedmin u reati oħra fil-kuntest tal-migrazzjoni. Pereżempju, in-networks Niġerjani jinfluwenzaw b'mod sinifikanti x-xena kriminali fl-UE billi jikkooperaw regolarment ma' gruppi kriminali lokali fit-twettiq ta' forom oħra ta' kriminalità organizzata. Abbażi tal-kontribuzzjonijiet operazzjonali tal-Istati Membri, l-Europol indikat ukoll li dawk in-networks "jabbużaw mill-mekkaniżmu tal-ażil biex jillegalizzaw l-istatus tagħhom kif ukoll tal-vittmi tagħhom". Ħafna persuni ssuspettati involuti fit-traffikar tal-bnedmin għandhom permessi ta' residenza legali, bħalissa huma applikanti għall-ażil, jew inkella għandhom l-istatus ta' refuġjati[29].

In-nisa migranti u refuġjati vulnerabbli kif ukoll il-minorenni mhux akkumpanjati ġew irrapportati **f'riskju persistenti li jsiru vittmi tat-traffikar**. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jindikaw li l-aspetti tal-migrazzjoni u tal-ġeneru tar-reat mhumiex rikonoxxuti biżżejjed, u dan jirriżulta li n-nisa u l-bniet jiġu mmirati sproporzjonatament għall-isfruttament sesswali. Barra minn hekk, is-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà li l-migrazzjoni tista' toħloq, jirriżultaw f'riskji ogħla għan-nisa li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali li jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u forom oħra ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, bħal stupru jew vjolenza domestika, b'mod partikolari minħabba diffikultajiet biex jaċċessaw akkomodazzjoni sikura u konsulenza adegwata. **L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ sensittiv għall-ġeneru biex jassisti u jappoġġa lill-vittmi traffikati għall-isfruttament sesswali.**

Iż-żieda fl-isforzi u l-istrateġiji ta' prevenzjoni u prosekuzzjoni mill-Istati Membri tista' twassal għal bidla. **L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) jirrapporta dwar diversi fatturi li jistgħu jfixklu l-kapaċità tal-vittmi tat-traffikar li jippreżentaw u jissostanzjaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**. Fost

[28] https://www.europol.europa.eu/publications-documents/emsc-4th-annual-activity-report—-2019

[29] https://www.europol.europa.eu/publications-documents/emsc-4th-annual-activity-report—-2019

dawn l-isfidi hemm li l-vittmi tat-traffikar u l-persuni f'riskju ta' sfruttament mhumiex qed jiġu identifikati fost l-applikanti; mekkaniżmu ta' riferiment li mhuwiex effettiv biex jipprovdi appoġġ adegwat lill-vittmi; jew in-nuqqas ta' postijiet f'ċentri ta' akkoljenza/protezzjoni ddedikati li jistgħu jfixklu l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi. Xi drabi l-vittmi jiġu wkoll diretti lejn il-mekkaniżmu nazzjonali mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet potenzjali tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali u b'riżultat ta' dan, l-istatus ta' refuġjat tagħhom jista' ma jiġix rikonoxxut.

Id-differenzi fil-politiki u r-regoli applikabbli għall-vittmi tat-traffikar minn pajjiżi terzi jistgħu jaffettwawlhom l-aċċess għad-drittijiet tagħhom, inklużi dawk li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali[30]. Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jistgħu jiġu ttrasferiti lejn il-pajjiż li fih ġew sfruttati meta jkunu waslu l-ewwel darba, u b'hekk isiru aktar aċċessibbli għat-traffikanti, u aktar esposti għar-riskju li jiġu ttraffikati mill-ġdid. F'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ġibdu l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III[31], id-Direttiva tal-UE Kontra t-Traffikar u d-Direttiva dwar il-Permess ta' Residenza[32].

III. IR-RIŻULTATI TA' AZZJONIJIET BIEX JINDIRIZZAW IT-TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN

It-traspożizzjoni korretta u sħiħa u l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva Kontra t-Traffikar jibqgħu prijorità għall-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet tal-UE inkludew l-appoġġ għall-finanzjament, l-għoti ta' gwida, l-iżvilupp tal-għarfien u t-titjib tal-kooperazzjoni fil-prosekuzzjoni tal-kriminali u ż-żarmar tan-netwerks tagħhom, li l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw, jassistu u jappoġġaw lill-vittmi, u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-reat.

Ir-"Rapport dwar it-Traspożizzjoni"[33] tal-2016 wera li l-Istati Membri kienu għamlu sforzi sostanzjali biex jittrasponu d-Direttiva Kontra t-Traffikar. Madankollu, dan innota li kien fadal lok sinifikanti għal titjib, b'mod partikolari rigward miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tat-tfal, preżunzjoni tat-tfulija u evalwazzjoni tal-età tal-minorenni, protezzjoni waqt il-proċedimenti kriminali u qabel jibdew, aċċess għal assistenza bla kundizzjonijiet, kumpens, assenza ta' kastigi, assistenza u appoġġ għall-membru tal-familja tal-vittma minorenni kif ukoll prevenzjoni. Dawn is-sejbiet ġew segwiti permezz ta' talbiet għall-informazzjoni lill-Istati Membri f'Marzu 2019. Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet mis-27 Stat Membru marbuta bid-Direttiva Kontra t-Traffikar[34]. Se tkompli

---

[30] Il-Kummissjoni Ewropea, Study on Reviewing the functioning of Member States' national and transnational referral mechanisms (2020).

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU L 180, 29.6.2013.

[32] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, ĠU L 261, 6.8.2004.

[33] COM(2016) 722 final; għandu jinqara flimkien mar-Rapport li jwieġeb għall-obbligu tal-Artikolu 23(2) COM (2016) 719 tad-Direttiva kontra t-Traffikar .

[34] Id-Danimarka mhix marbuta, ir-Renju Unit iva.

timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni f'konformità mas-setgħat tagħha skont it-Trattati u tista' tieħu azzjonijiet xierqa, inkluż, fejn meħtieġ, billi tibda proċeduri ta' ksur.

3.1 Kontra l-kultura ta' impunità

Hemm kultura ta' impunità li ssaltan meta dawk involuti fi-mudell kummerċjali kriminali u fil-katina tat-traffikar ma jaffaċċawx konsegwenzi għall-atti kriminali tagħhom. Id-Direttiva Kontra t-Traffikar tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li:

- l-investigaturi u s-servizzi ta' prosekuzzjoni jkollhom għodod effettivi għall-investigazzjoni;
- l-individwi, l-unitajiet u servizzi li jinvestigaw u jipproċedu kontra reati ta' traffikar huma mħarrġa; u
- l-investigaturi u s-servizzi tal-prosekuzzjoni ma jiddependux fuq ir-rapporti jew l-akkużi tal-vittmi.

It-traffikar huwa xprunat mill-qligħ enormi li jrendi lill-gruppi tal-kriminalità organizzata. It-tnaqqis tad-domanda b'mod effettiv jeħtieġ azzjonijiet li jċaħħdu lit-traffikanti mill-gwadann finanzjarju tagħhom u li jiżguraw li l-kriminalità ma trendix. Il-qbid u l-konfiska ta' rikavati u qligħ minn attività kriminali, u l-insegwiment tal-flus, anke permezz ta' investigazzjonijiet finanzjarji u investigazzjonijiet konġunti, jibqgħu kruċjali biex ifixklu l-mudell ta' negozju kriminali. Li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli permezz ta', fost l-oħrajn, arresti, prosekuzzjoni u kundanni, iżidu d-deterrenza bħala metodu ta' prevenzjoni. Il-ġlieda kontra l-kultura ta' impunità u ż-żieda fir-responsabbiltà jinvolvu l-intensifikazzjoni tal-investigazzjonijiet, tal-prosekuzzjonijiet u tal-kundanni, mhux biss kontra t-traffikanti iżda wkoll kontra dawk li jiggwadanjaw mill-kriminalità u li jisfruttaw lill-vittmi.

L-impunità tal-awturi fl-UE għadha tippersisti, u l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u kundanni tat-traffikanti għadu baxx. Kien hemm 11 788 suspettat, 6 163 prosekuzzjoni u 2 426 kundanna fl-UE fl-2017–2018 fir-rigward ta' reati relatati mat-traffikar tal-bnedmin. Ir-raġunijiet għall-għadd akbar ta' persuni suspettati u prosekuzzjonijiet u l-għadd aktar baxx ta' kundanni mill-perjodu ta' rappurtar preċedenti[35] jistgħu jiġu attribwiti għal ħafna fatturi, li jwissu kontra li ssir analiżi konkluživa tax-xejriet. Madankollu, l-għadd baxx ta' prosekuzzjonijiet, u aktar u aktar, l-għadd baxx ta' kundanni ta' traffikanti fl-UE meta mqabbel mal-għadd ta' investigazzjonijiet, jindikaw li t-tressiq tal-awturi quddiem il-ġustizzja għadu sfida. L-isfidi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jinkludu i) diffikultajiet evidenzjarji biex jagħtu prova tal-elementi kumplessi tar-reat; ii) jiġi żgurat li jkun hemm il-livell xieraq ta' riżorsi u għarfien biex isiru l-investigazzjonijiet finanzjarji; u

[35] Il-Kummissjoni Ewropea, It-tieni rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2018) kif meħtieġ skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi, COM (2018) 777 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM%3A2018%3A777%3AFIN, u d-dokument li jakkumpanjah, SWD (2018) 473 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018SC0473&from=EN; Studju dwar il-ġbir tad-*data* dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE (2018), https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/20181204_data-collection-study.pdf

iii) diffikultajiet fil-kooperazzjoni transkonfinali u internazzjonali. **L-għadd kbir ta' vittmi rreġistrati fl-UE jitlob rispons b'saħħtu tal-ġustizzja kriminali biex tinqered l-impunità tal-kriminali u biex ir-reat tat-traffikar isir reat ta' "riskju għoli bi profitt baxx".**

Franza rrappurtat l-ogħla għadd ta' prosekuzzjonijiet għat-traffikar tal-bnedmin fl-UE, segwita mill-Belġju, mir-Rumanija, mill-Awstrija u mill-Bulgarija. Franza rreġistrat ukoll l-ogħla numru ta' kundanni għar-reati tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE, segwita mir-Rumanija, mill-Ġermanja, minn Spanja u mill-Belġju. 70 % tat-**traffikanti kkundannati huma ċittadini tal-UE. Il-maġġoranza tat-traffikanti wettqu r-reat tagħhom għall-iskop ta' sfruttament sesswali. Inqas minn wieħed minn kull ħamsa tal-awturi kollha ttraffikaw vittmi għall-isfruttament tal-ħaddiema**. **L-irġiel** komplew jiffurmaw il-**maġġoranza tal-awturi tar-reati**, u jirrappreżentaw aktar minn żewġ terzi ta' dawk issuspettati, imħarrka u kkundannati għat-traffikar.

Bosta Stati Membri rrapportaw **dwar l-azzjonijiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji meħuda biex jgħammru lill-awtoritajiet b'tekniki ta' investigazzjoni speċjali u biex ituhom responsabbiltajiet speċifiċi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' traffikar**. Saru sforzi biex **jiżdiedu l-investigazzjonijiet finanzjarji, l-investigazzjonijiet konġunti u l-kooperazzjoni transfruntiera**, kif ukoll miżuri biex **jinqabdu u jiġu kkonfiskati rikavati minn attività kriminali**. L-Istati Membri kulma jmur qed jużaw **l-għodod ta' kooperazzjoni**, ir-riżorsi u s-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira tal-UE, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE, biex jiskambjaw informazzjoni u jwettqu attivitajiet konġunti. Bosta Stati Membri jirrapportaw li l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta wrew li huma għodda ta' kooperazzjoni partikolarment effettiva li tikkontribwixxi għall-kwalità u l-effiċjenza ta' investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess bi skambju ta' informazzjoni u ġbir ta' evidenza rapidi. It-traffikar tal-bnedmin huwa fost l-oqsma tal-kriminalità li għandhom l-akbar għadd ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta stabbiliti[36]. L-Eurojust irreġistrat għadd li qed jikber ta' każijiet ta' traffikar, laqgħat ta' koordinazzjoni u skwadri ta' investigazzjoni konġunta dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-2018–2019 meta mqabbel mas-snin preċedenti[37].

L-Europol irċeviet għadd li qed jikber ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, li rriżulta f'żieda sinifikanti fl-assistenza pprovduta lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Fl-2019, l-azzjonijiet operazzjonali li saru taħt EMPACT fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin irriżultaw f'825 arrest, 8 824 persuna ssuspettata u 1 307 vittma potenzjali, inklużi 69 tifel u tifla, identifikati, 94 grupp tal-kriminalità organizzata li ġew identifikati jew żarmati, u EUR 1,5 miljun f'assi ffriżati f'kontijiet bankarji, kumpaniji u web domains[38].

[36] Fl-2019, mill-103 skwadra ta' investigazzjoni konġunta li ġew stabbiliti, 26 minnhom kienu stabbiliti biex jittrattaw każijiet ta' traffikar ta' bnedmin.

[37] Erba' ċentri ta' koordinazzjoni, 96 laqgħa ta' koordinazzjoni, 333 każ ġdid ta' traffikar ta' bnedmin, 118-il skwadra ta' investigazzjoni konġunta li jittrattaw każijiet ta' traffikar fl-2018–2019.

[38] https://www.consilium.europa.eu/media/44281/information-note-empact.pdf; https://newsroom.consilium.europa.eu/videos/127612-empact-2019-results-20200602. L-iskedi informattivi sħaħ tal-EMPACT bir-riżultati tal-2019 huma disponibbli hawnhekk (id-*data* dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin tinsab fil-paġni 6 u 7): https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7623-2020-INIT/en/pdf

Għalkemm għadd ta' Stati Membri qed jużaw dejjem aktar l-għodod tal-ġustizzja kriminali għall-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali, ir-rata ġenerali ta' konfiska tal-assi kriminali fl-UE għadha baxxa.

L-awtoritajiet kompetenti qed jikkunsidraw l-użu ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), u l-Eurodac[39] għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u/jew il-prosekuzzjoni ta' reati serji inklużi każijiet ta' traffikar tal-bnedmin. L-użu tas-SIS II jippermetti lill-awtoritajiet jidentifikaw (inkluż bl-użu tal-marki tas-swaba'), jinvestigaw u jħarrku lit-traffikanti u jidentifikaw u jipproteġu lill-vittmi. Jippermetti wkoll il-lokalizzazzjoni u l-qbid ta' ċerti oġġetti użati mill-awturi, pereżempju vetturi, dgħajjes, kontejners u dokumenti tal-ivvjaġġar. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-eu-LISA[40] qed jippjanaw aktar titjib/iħejju biex ikomplu jsaħħu s-SIS II, li se tagħti lill-komunità tal-infurzar tal-liġi mezzi addizzjonali sa tmiem l-2021. L-immodernizzar tal-qafas ta' interoperabbiltà jista' jkun fattur importanti għat-titjib tal-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar, inklużi t-tfal, u l-awturi tar-reati.

Il-prevenzjoni tat-traffikar kienet il-prijorità ġenerali tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2017 dwar it-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin (il- "Komunikazzjoni tal-2017")[41]. Id-Direttiva Kontra t-Traffikar tistabbilixxi rekwiżiti konkreti għall-Istati Membri, inkluża azzjoni biex tiskoraġġixxi u tnaqqas id-domanda għat-traffikar, kif ukoll għas-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, u l-kunsiderazzjoni tal-kriminalizzazzjoni tal-utenti ta' servizzi mogħtija minn vittmi tat-traffikar. Bħala azzjoni ewlenija skont il-Komunikazzjoni tal-2017, il-Kummissjoni Ewropea ħeġġet lill-Istati Membri biex jikkriminalizzaw lil dawk li konxjament jużaw servizzi mogħtija minn vittmi tat-traffikar. L-analiżi fir-"Rapport dwar l-utenti" tal-Kummissjoni tal-2016 turi xenarju ġuridiku pjuttost divers fl-UE, li "[j]onqos milli [j]ikkontribwixxi b'mod effettiv biex [j]iskoraġġixxi d-domanda ta' dawn is-servizzi"[42]. Fil-livell nazzjonali, il-miżuri leġiżlattivi li ttieħdu skont l-Artikolu 18(4) tad-Direttiva Kontra t-Traffikar isegwu approċċi differenti biex il-kriminalità tiġi prevenuta u biex titnaqqas id-domanda illegali għas-"servizzi", l-"użu" jew "l-isfruttament" tal-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin. Dawn id-differenzi jinkludu l-kamp ta' applikazzjoni, l-għanijiet u/jew ir-rekwiżiti speċifiċi ta' tali miżuri nazzjonali. Mit-tieni rapport ta' progress, ftit Stati Membri rrappurtaw dwar l-adozzjoni ta' liġijiet ġodda jew dwar l-emendar tal-leġiżlazzjoni eżistenti biex titnaqqas id-domanda jew jiġi kriminalizzat l-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar (pereż. l-Estonja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Iżvezja u l-Irlanda). In-Netherlands irrapportaw dwar inizjattivi leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa u oħrajn, pereżempju l-Latvja, l-Ungerija, u Spanja, qed jikkunsidraw leġiżlazzjoni.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenfasizzaw li fejn jeżistu tali dispożizzjonijiet leġislattivi, l-infurzar tagħhom huwa limitat filwaqt li l-prosekuzzjonijiet u l-kundanni

[39] Ir-Regolament EURODAC jistabbilixxi bażi ta' *data* tal-marki tas-swaba' tal-ażil tal-UE: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/asylum/identification-of-applicants_en

[40] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

[41] COM(2017)728 final.

[42] COM(2016) 719 final.

qed jibdew iseħħu gradwalment biss. Jappoġġaw il-prijorità tal-Kummissjoni li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan li jikkriminalizzaw lil dawk li konxjament jużaw is-servizzi tal-vittmi tat-traffikar u jenfasizzaw l-importanza li l-użu tas-servizzi mogħtija mill-vittmi ta' kull tip ta' sfruttament jiġi kkriminalizzat.

Id-*data* dwar ir-reat kriminali tal-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar, kif stabbilit fil-liġi nazzjonali, inġabret għat-tieni darba. Ħdax-il Stat Membru rrapportaw total ta' 170 persuna suspettata, 162 prosekuzzjoni u 133 kundanna b'rabta mar-reat kriminali tal-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar.

3.2 Aċċess għad-drittijiet tal-vittmi u r-realizzazzjoni tagħhom

Waħda mill-prijoritajiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2017 kienet li "jiġi pprovdut aċċess aħjar għad-drittijiet għall-vittmi tat-traffikar, u biex dawn id-drittijiet jiġu rrealizzati". Il-liġi tal-UE tipprevedi li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jiġu assistiti, appoġġati u protetti skont atti leġiżlattivi differenti, inkluża d-Direttiva Kontra t-Traffikar, id-Direttiva 2004/81/KE dwar il-Permessi ta' Residenza, id-Direttiva 2012/29/UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi[43] u d-Direttiva dwar il-Kumpens[44]. L-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rrappurtaw li hemm għadd konsiderevoli ta' żviluppi leġiżlattivi u ta' politika, li jippermettu lill-vittmi jaċċessaw u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni, inkluż f'kuntest transfruntier. Ħafna Stati Membri pparteċipaw fil-kampanja mmexxija min-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Europol dwar id-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin[45], li kellha l-għan li tilħaq vittmi potenzjali u tinfurmahom dwar l-assistenza, il-protezzjoni, kif ukoll id-drittijiet tagħhom fil-pajjiżi tal-UE[46].

Li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, hija u titqies l-istorja personali tagħhom, u li jiġi żgurat li jkollhom servizzi personalizzati, ġew identifikati bħala prijoritajiet f'bosta rapporti. L-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fakkru fil-ħtieġa għal approċċ multidixxiplinari u b'diversi aġenziji effiċjenti u effettiv, inkluż l-użu ta' persunal multilingwi. Ħafna bidliet leġiżlattivi kienu jikkonċernaw it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi inkluż għall-protezzjoni tal-vittmi fil-proċeduri kriminali u għall-miżuri ta' protezzjoni u appoġġ għall-vittmi tfal.

L-Istati Membri kollha ħlief wieħed għandhom mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali fis-seħħ, biex itejbu l-identifikazzjoni bikrija, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi tat-traffikar. Il-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament u l-livell ta' formalizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' riferiment ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. L-Istati Membri kollha

43 Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

44 Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti, ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15.

45 https://eucpn.org/preventhumantrafficking

46 It-23 pajjiż parteċipanti huma l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja u Spanja. Ara: https://eucpn.org/preventhumantrafficking

għandhom stabbilita mill-inqas xi tip ta' miżura u proċedura li għandhom l-għan li jtejbu l-identifikazzjoni (pereżempju indikaturi, linji gwida ffukati fuq gruppi speċifiċi b'riskju għoli, inizjattiva konġunta tal-infurzar tal-liġi, spetturi tax-xogħol, u servizzi tal-migrazzjoni). Pereżempju, il-Greċja tirrapporta li l-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Riferiment tagħha daħal fis-seħħ fl-2019. Spanja waqqfet proċedura għar-riferiment ta' vittmi potenzjali tat-traffikar li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-ajruport ta' Madrid Barajas. Il-helplines għall-vittmi tat-traffikar huma għodda oħra li tippermetti lill-vittmi jiġu identifikati kif ukoll biex jiksbu aċċess għal servizzi ta' appoġġ. Barra minn hekk, l-identifikazzjoni formali tal-vittmi tfal teħtieġ atturi addizzjonali, proċeduri li għandhom jiġu aġġustati u, b'mod ġenerali, li jiġi applikat il-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal. Minbarra l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-pulizija u tal-fruntieri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, hemm ukoll entitajiet oħra involuti fl-identifikazzjoni ta' vittmi tfal, bħall-uffiċjali tal-migrazzjoni, l-ispetturi tax-xogħol u s-servizzi diplomatiċi. L-istudju dwar ir-rieżami tal-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali u transnazzjonali enfasizza sfidi speċifiċi fl-identifikazzjoni tal-vittmi fl-Istati Membri tagħhom stess, b'mod partikolari minħabba li s-sistema ta' detezzjoni hija mfassla speċifikament biex tidentifika vittmi minn pajjiżi terzi, u li mhijiex effettiva biżżejjed biex tassisti lill-vittmi tal-UE, speċjalment it-tfal[47].

L-Istati Membri rrappurtaw dwar miżuri speċifiċi għat-tfal li għandhom l-għan li jtejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar u l-proċeduri ta' riferiment għalihom. Dawn jinkludu l-adozzjoni ta' gwida, it-twaqqif ta' istituzzjonijiet u ċentri ta' akkoljenza speċjalizzati, u l-emendar tal-liġijiet dwar il-kustodja għal tfal imċaħħda mill-kura tal-ġenituri[48].

Miżuri speċifiċi għall-ġeneru inkludew l-adozzjoni ta' strumenti ta' politika li jipprovdu informazzjoni lill-persunal tal-kura tas-saħħa biex jidentifikaw nisa u bniet vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali, taħriġ u gwida dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż l-isfruttament sesswali, għall-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' assistenza li jindirizzaw b'mod speċjali lin-nisa u t-tfal fil-hotspots. L-Istati Membri rrappurtaw li aktar għarfien u kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra involuti fil-proċess tal-identifikazzjoni u t-titjib tal-proċeduri ta' riferiment tejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi, bir-riżultat li ġie identifikat għadd akbar ta' vittmi. Madankollu, għat-tfal li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-involviment tas-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal fil-mekkaniżmi ta' riferiment bħalissa huwa limitat, u jeħtieġ li jissaħħaħ.

L-Istati Membri enfasizzaw ukoll li l-preżenza ta' proċessi ddefiniti ċar stabbiliti, bi rwoli stabbiliti u d-*data* disponibbli maqsuma skont il-ġeneru u l-età, kienet utli biex titkejjel l-iskala tal-fenomenu u biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet li hemm bżonn jiġu indirizzati. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ddeploraw l-esklużjoni tagħhom mill-proċess ta' identifikazzjoni uffiċjali f'xi Stati Membri tal-UE. Enfasizzaw ukoll applikazzjoni inkonsistenti tal-perjodi ta' rkupru u riflessjoni madwar l-Istati Membri,

[47] Il-Kummissjoni Ewropea, Study on Reviewing the functioning of Member States' national and transnational referral mechanisms, 2020.

[48] L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali kompliet tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tas-sistemi ta' kustodja, bħall-Greċja u l-Italja, inkluża enfasi fuq tfal li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

nuqqas ta' intervent legali bikri u nuqqas ta' taħriġ għall-professjonisti involuti fil-proċess ta' identifikazzjoni, li jistgħu jwasslu biex il-vittmi ma jiġux identifikati formalment. L-applikazzjoni tal-klawsola li ma jsirx kastig, skont liema l-vittmi ma għandhomx jiġu penalizzati għal delitti li kienu mġiegħla jwettqu, u l-aċċess tal-vittmi għal kumpens għad iridu jiġu indirizzati.

3.3 Azzjonijiet globali

Bħala fenomenu kumpless, it-traffikar tal-bnedmin kompla jiġi indirizzat sistematikament f'oqsma ta' politika rilevanti ewlenin tal-UE b'mod ġenerali bħas-sigurtà, il-migrazzjoni, il-ġustizzja, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tat-tfal, l-impjiegi, l-agrikoltura u s-sajd, l-iżvilupp, ir-riċerka, u l-għajnuna umanitarja[49].

Hemm rabta qawwija bejn id-dimensjoni esterna u interna tat-traffikar tal-bnedmin. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għamlu ħidma estensiva biex jiżguraw approċċ koerenti u kkoordinat biex jindirizzaw dan ir-reat. It-traffikar tal-bnedmin huwa indirizzat f'firxa wiesgħa ta' strumenti ta' politika, inkluż l-Istrateġija Globali għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020–2024[50], il-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika"[51], l-istrateġija tal-UE għall-Balkani tal-Punent[52] u l-politika Ewropea tal-viċinat.

Il-missjonijiet ċivili u militari tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni[53][54] huma għodda importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Fil-Mediterran Ċentrali, EUNAVFOR MED Operazzjoni Sophia kellha rwol deċiżiv fit-titjib tas-sigurtà marittima ġenerali u għenet biex tfixkel u żżarma l-mudell kummerċjali u n-networks kriminali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin u t-traffikanti tal-migranti u ttejjeb il-kooperazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet. L-operazzjoni EUNAVFOR MED IRINI ħadet post l-Operazzjoni Sophia mill-31 ta' Marzu 2020, bil-kompitu ewlieni li timplimenta l-embargo tan-NU fuq l-armi fil-Libja, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll biex tfixkel il-mudell kummerċjali tan-networks għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.

---

49 Bħala eżempji reċenti, ara: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 (Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025); l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020–2025) (COM (2020) 258 final); L-istrateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (COM(2020) 607 final); L-aġenda tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi 2021-2025 (COM (2020) 606 final).

50 Anness tal-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024", JOIN(2020) 5 final, https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:e9112a36-6e95-11ea-b735-01aa75ed71a1.0010.02/DOC_2&format=PDF

51 Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika" JOIN (2020) 4 final, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/55817dfb-61eb-11ea-b735-01aa75ed71a1

52 Strasburgu, 6.2.2018 COM (2018) 65 final.

53 DOKUMENT TA' ĦIDMA KONĠUNT TAL-PERSUNAL Pjan ta' Azzjoni Konġunt li Jimplimenta l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK 8962/19.

54 Conclusions of the Council and of the Representatives of the Governments of the Member States, meeting within the Council, on the establishment of a Civilian CSDP Compact, 14305/18.

It-traffikar tal-bnedmin huwa indirizzat b'mod estensiv fl-istrumenti ta' żvilupp u kooperazzjoni relatati mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. It-traffikar huwa inkluż taħt tliet miri speċifiċi, inkluż l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż għall-isfruttament sesswali (Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 5.2), l-eradikazzjoni tat-traffikar u x-xogħol sfurzat (SDG 8.7) u l-eradikazzjoni tat-traffikar tat-tfal (SDG 16.2). L-UE hija involuta fil-proċess li jirrieżamina l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokolli tagħha, inkluż fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin.

Bosta politiki esterni, sħubijiet u inizjattivi ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet reġjonali komplew jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari bħala parti mis-segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta bħall-proċessi ta' Khartoum u ta' Rabat.

Il-possibbiltà ta' finanzjament għal inizjattivi kontra t-traffikar fl-UE u f'pajjiżi sħab ukoll baqgħet prijorità. L-Istati Membri rrappurtaw dwar proġetti taħt finanzjament b'ġestjoni kondiviża permezz tal-programmi nazzjonali li joperaw il-Fond għas-Sigurtà Interna jew il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni; u proġetti transnazzjonali ffinanzjati taħt l-għotjiet tal-UE tal-Fond għas-Sigurtà Interna — il-Pulizija u l-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Il-proġetti komplew jiġu ffinanzjati wkoll minn:

- flussi oħra ta' finanzjament tal-UE (pereżempju l-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea);
- Azzjonijiet tal-EMPACT, previsti taħt il-baġits tal-aġenziji tal-UE;
- fondi nazzjonali;
- permezz tal-inizjattiva Spotlight UE-NU;
- il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika;
- l-Inizjattiva GLO.ACT, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp; kif ukoll
- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

Sabiex tkun possibbli l-koerenza u l-konsistenza tal-politika, il-ħidma ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE kompliet permezz ta':

- il-laqgħat tematiċi u strutturati tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin, u tan-network tal-UE ta' relaturi nazzjonali u mekkaniżmi ekwivalenti;

- laqgħat ta' koordinazzjoni tal-10 aġenziji tal-UE li, fl-2018, iffirmaw id-dikjarazzjoni konġunta ta' impenn biex jaħdmu flimkien kontra t-traffikar;

- il-grupp bejn is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea; kif ukoll

- laqgħat ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill).

Kompliet ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi tan-NU.

4 KONKLUŻJONIJIET

Is-sejbiet ewlenin ta' dan ir-rapport jindikaw li t-traffikar tal-bnedmin ma naqasx, iżda minflok evolva fl-UE, u feġġu riskji ġodda. Għadd kbir ta' vittmi għadhom isofru mill-vjolenza, mit-theddid u mill-ħsara kbira kkaġunata mit-traffikar. L-eżistenza tat-traffikar tal-bnedmin toħloq spejjeż umani, soċjali u ekonomiċi tremendi filwaqt li t-traffikanti u atturi oħra li konxjament jew mingħajr ma jafu jkunu involuti f'negozji illeċiti fil-katina tat-traffikar, jagħmlu profitti enormi. Il-ġlieda kontra l-kultura tal-impunità tal-awturi tar-reati, tal-utenti, tal-isfruttaturi u ta' dawk li jagħmlu qligħ minn dawn ir-reati hija essenzjali biex jitjieb l-istatus quo.

Ir-rapport jinnota wkoll li sar progress siewi fil-kooperazzjoni transnazzjonali fl-UE u ma' pajjiżi terzi, inkluż l-infurzar tal-liġi transfruntier u l-azzjonijiet operattivi ġudizzjarji, u fir-rigward tal-istabbiliment u t-titjib tal-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali u transnazzjonali u l-iżvilupp tal-għarfien dwar dan il-fenomenu. Madankollu, l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u kundanni għadu baxx, filwaqt li l-għadd ta' vittmi baqa' għoli. Ix-xenarju legali pjuttost divers dwar il-kriminalizzazzjoni tal-użu ta' servizzi mogħtija minn vittmi tat-traffikar jista' jfixkel aktar sforzi biex tiġi skoraġġita d-domanda għal servizzi bħal dawn. Meta l-vittmi jirċievu l-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni, il-ħtiġijiet tagħhom ma jitqisux fir-rigward tal-forom ta' sfruttament li huma soġġetti għalihom, il-ġeneru u l-età tagħhom, u l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. Ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar tad-*data* għadhom inkonsistenti. It-tħassib identifikat jenfasizza l-implimentazzjoni fqira tad-Direttiva Kontra t-Traffikar fl-Istati Membri, u hemm bżonn li din tkompli tiżdied.

It-traffikar tal-bnedmin huwa reat transnazzjonali li jforni talbiet illegali minn ġewwa u minn barra l-UE u qed ikollu impatt negattiv fuq l-Istati Membri kollha tal-UE. It-tisħiħ tas-sħubijiet ta' sigurtà bejn l-UE u pajjiżi terzi jista' jżid il-kooperazzjoni biex jiġi miġġieled it-theddid kondiviż. Approċċ bħal dan ikun ibbażat fuq interessi ta' sigurtà komuni u jibni fuq djalogu stabbilit dwar il-kooperazzjoni u s-sigurtà[55]. Il-progress insuffiċjenti li sar u x-xejriet tat-traffikar li qed jevolvu jitolbu approċċ strateġiku ġdid lejn il-qerda tat-traffikar tal-bnedmin. Dawn l-azzjonijiet se jiġu żviluppati fil-kuntest tal-Aġenda dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

[55] COM(2020) 605 final.